Mellieħa

26 ta' April 2018

# IS-SEBA' KUNSILL

## AĠENDA Numru 95

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **95** li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 2 ta' Mejju, 2018 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

## AĠENDA

95.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

95.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

95.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

95.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

95.5. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier u kwestjonarju mill-GRTU - Malta Chamber of SME's;

95.6. Tħejjijiet għal attivitajiet kulturali;

95.7. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji wara l-verifika

95.8. Mozzjoni dwar l-għoti ta' Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat;

95.9. Mozzjoni dwar l-għoti ta' Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Goff;

95.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

95.11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# MOZZJONIJIET

95.7. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

“Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2017 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 90 tal-20 ta’ Frar 2018; u

Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2017 oriġinali, ġew spjegati fid-dettal permezz ta’ skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;

Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).”.
(F/1/2/Vol VIII)

John Buttigieg
Proponent

Emvin Bartolo
Sekondant

95.8. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:

"Billi l-kuntratt attwali li jipprovdi għall-Ġbir ta' Skart Domestiku Mħallat, li l-Kunsill għandu ma’ Velljo Services, ser jitwaqqaf mill-istess Kunsill, filwaqt li saret sejħa għall-offerti (MLC 1/2018) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186);

Billi t-tmien offerti li saru ġew evalwati mill-Kumitat ta’ Evalwazzjoni maħtur mill-Kunsill fis-Seduta 90 tal-20 ta’ Frar 2018, skont il-kriterji stabbiliti minn qabel fid-dokument tal-offerta, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont ir-rapport tiegħu tal-10 ta’ April 2018;

Billi fis-seduta Nru. 94 tas-16 ta’ April 2018, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat l-Ittra ta' Aċċettazzjoni lill-offerent Saviour Mifsud, filwaqt li l-offerenti l-oħra ġew notifikati bl-istess deċiżjoni;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta’ erba’ snin, b’effett mill-1 ta’ Mejju 2018, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Saviour Mifsud fl-20 ta’ Frar 2018.". (K/6/2/Vol V)

John Buttigieg
**Proponent**

Emvin Bartolo
**Sekondant**

95.9. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Azzopardi illi tgħid:

"Peress li l-kuntratt illi jipprovdi għall-Ġbir tal-Iskart Goff skada;

Billi, saret sejħa għall-offerti (MLC 10/2017) kellha tiġi rtirata minħabba dokumentazzjoni insuffiċċjenti, filwaqt li saret sejħa oħra (MLC 2/2018) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186);

Billi ż-żewġ offerti li saru ġew evalwati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni maħtur apposta fis-Seduta 91 tas-6 ta' Marzu 2018, liema Bord ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill skont ir-rapport tiegħu tal-10 ta' April 2018;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt li jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Mejju 2018, bir-rati inklużi fl-offerta mitfugħa minn Antoine Fenech fis-6 ta' Marzu 2018.". (K/6/8)

| | |
|---|---|
| Joseph Azzopardi | Hilary Fenech |
| **Proponent** | **Sekondant** |